MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 170/2015

**Charmaine Muscat**

**Vs**

**Continental Cars Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici ppremmettiet illi:-

Xtrat karozza li tiswa tnejn u tletin elf Ewro (€32,000) fl-elfejn u disgha (2009) u meta kienet ghadha taht garanzija giet iccekjata minn Continental Cars, il-bejjiegha minhabba li xeghlet EPC bulb f'Jannar, elfejn u hdax (2011). Dawn iddikjaraw li ma nstab xejn hazin

fil-karozza. F'Ottubru tal-elfejn u erbatax (2014) meta l-karozza spiccatilha l-garanzija l-istess bozza regghet xeghlet u gie konkluz li l-karozza ghandha l-hsara fil-magna.

Continental Cars qeghdin jghidu la darba ghadda daqstant zmien minn meta xeghlet il-fault mhuwiex relatat. VW Germanja accettaw li dan jista jkun relatat. It-tieni punt huwa li Continental qeghdin jghidu li mhumiex lesti jerfghu responsabilita' tal-hsara ghax il-karozza wara l-garanzija qatt ma giet serviced ghandhom. Il-fatti huma li wara l-garanzija jiena ma kontx obbligata naghmel service ghand Continental u iktar minn hekk il-problema fil-magna mhijiex relatata ma'servicing izda fault li kien hemm.

Ra mill-atti li s-Socjeta' konvenuta fis-seduta tal-14 t' April 2015 ma dehritx u gie pprezentat kapitolu.

Illi fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2015 prezentat ukoll affidavit taghha fejn spjegat u tat ukoll xhieda taghha. Illi fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2015 il-kawza thalliet ghas-Sentenza.

Il-kwistjoni tirrigwarda Volkwagon VW Sirocco CHM818 li inxtrat fl-2009. Illi din il-vettura inxtrat mis-socjeta' konvenuta. Illi f'Jannar, 2011 l-attrici haditha ghand is-socjeta' konvenuta ghaliex kienet qed tixghel *EPC bulb*. Illi dak iz-zmien is-socjeta' konvenuta wara li ghamlet testijiet fuq il-magna s-socjeta` konvenuta ddikjarat illi ma kienx hemm problema. F'Ottubru, 2014 regghet xeghlet l-istess bozza u l-vettura li sa dak inhar kellha biss 36,000 mil, bdiet titrieghed meta tkun wieqfa. L-attrici haditha ghand mekkanik li qal li l-problema kienet wahda konsiderevoli ghaliex kien il-kompressur tal-magna, hu ssugerixxa illi kellha tmur lura ghand is-Socjeta' konvenuta. Illi infatti qal ukoll illi l-vetturi tal-istess mudell kellhom l-istess problema u li kienu bidlu il-magna shiha minhabba fiha. Illi mill-pariri li hadet jidher illi ma setghax jkun jekk bozza kienet qed tixghel lura fl-2011 dan juri *zero defects*. Illi pero' s-Socjeta` konvenuta Continental Cars ma riedux jisimghu u lanqas jaghmlu investigazzjoni minghajr hlas ghaliex skont huma ma kienx hemm problema fil-vettura. Fl-14 ta' Novembru marret lura ghand Gafa` Car Clinic li kkonfermaw illi infatti kien hemm diffett fil-magna tal-vettura.

Saret taf ukoll illi fir-rigward din il-magna kien hemm *recall* fuq dawn il-magni minghand diversi persuni. Illi Continental innegaw dan. Kien hawnhekk illi kitbet lill-Volkswagen tal-Germanja. Dawn ikkonfermaw illi jista jkun illi hemm diffett fil-magna meta tixghel il-bozza tal-EPC u kienu rrakomandaw illi s-Socjeta` konvenuta taghmel investigazzjoni. Ghalhekk fuq rakkomandazzjoni tas-Socjeta` estera accettat li ticcekkja l-vettura u fil-fatt hareg illi l-magna tal-vettura ghandha diffett. Is-Socjeta` konvenuta prezentat kont ta' stima fl-ammont ta' elfejn hames mija u tnejn u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,562.24c); elf hames mija u erbgha u hamsin Ewro u erbgha u ghoxrin Ewro (€1,554.24c) huma parts u elf u tmien Ewro (€1,008) huma labour. Offrew ukoll skont ta' ghaxra fil-mija (10%). Il-karozza li xtrat kienet ta' valur ta' tnejn u tletin elf Ewro (€32,000) u ghalhekk thoss illi ghandhom jerfghu r-responsabilita` taghhom li jaghmlu tajjeb ghad-diffett li nstab fil-magna.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-kawza odjerna l-partijiet ma dehrux biex jaghtu spjegazzjoni u lanqas biex jikkontestaw il-materja in kwistjoni. Illi mill-fatti jirrizulta illi d-diffett kien wiehed sostanzjali u sahansitra kien latenti ghaliex ma kien hemm ebda mod kif setghet taf bih l-attrici stess. Anzi meta kellha problema marret minnufih ghand l-agent.

Qabel jigi kkunsidrat il-mertu tajjeb li jsir ezami ta' liema konsiderazzjonijiet legali jaffetwaw il-materja in kwistjoni u dan ukoll minhabba kif inhi formulata t-talba mill-attrici. Fil-kaz prezenti l-attrici qed titlob is-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06c) li hija s-somma l-aktar gholja li wiehed jista jitlob fit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar.

Illi l-fatti jindikaw illi dan dwar xiri ta' vettura liema vettura wara ftit zmien allegatament kellha problema fil-magna liema problema harget minhabba dawl li xeghel u jidher li kien okkult u ghalhekk l-attrici qed titlob rimedju f' danni liema danni huma kalkolati fuq stima li nghatat lilha mis-Socjeta` konvenuta ghat-tiswija tal-magna. Illi t-

Tribunal pero' huwa obbligat jara liema huma r-rimedji ghax-xerrej f'azzjoni quddiem il-Qrati Maltin. Ir-rimedji kontemplati fil-ligi johorgu mill-artikolu 1427 u l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili (Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta).

Dawn ir-rimedji huma tnejn:

(i) Ix-xerrej jista' jagħżel, billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni retributorja, li jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jiġi '1 quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita` mill-Qorti. (Artikolu 1427) u dan f'kaz ta' vizzji okkulti; u

(ii) Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' Periti. (Artikolu 1390)

Huwa principju accettat illi r-rimedji ghax-xerrej huma **biss u esklussivament** dawk imsemmija u cioe l-azzjoni retributorja u stimatorja f'kaz ta'vizzji okkulti u l-azzjoni a bazi tal-artikolu 1390 f'kaz ta' bejgh ta' oggett li ma jkunx tal-kwalità pattwita. Fil-kawza **Norman Spiteri bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Boxit Ltd vs l-Avukat Dottor Pierre Lofaro noe** gew affermati s-segwenti principji fir-rigward ta' dawn l-azzjonijiet li jistghu jintuzaw minn xerrej :

*"(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permissibbli lix-xerrej;*

*(b) it-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet ta' l- istess artikoli, b'dan ghalhekk li f'kawza tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba (f'dan il-kaz citazzjoni) odjerna u a bazi tal-artikolu 1390 u/jew l-artikolu 1427 tal-Kap 16 kellha tintalab 'sine qua non li:*

*i) l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;*
*ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta' parti mill-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata l-haga lura u jintradd il-prezz, jew*

*abbazi ta' l-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta' periti."*

Illi f'dan il-kaz l-attrici qeghda titlob somma flus bhala danni u ma hemmx dubju mill-evidenza illi din kienet kwistjoni ta' vizzju okkult. Illi pero`, u hawn it-Tribunal ghandu problema, l-attrici talbet hlas tad-danni ossia l-ammont li ghandha bzonn biex issewi l-magna u limitat l-ammont ghall tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06c) cioe` l-ammont massimu tal-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal minkejja valur aktar gholi tal-vettura. L-attrici prezentat stimi ta' spejjes u mhux ta' danni sofferti. Illi ghalhekk jekk jasal biex jaghti l-ammont mitlub li huwa (ghalkemm ammont ridott) bazat fuq il-prezz li nefqet meta xtrat il-vettura t-Tribunal jkun qed jesorbita l-kompetenza tieghu. L-attrici prezentat stima li tatha s-Socjeta` konvenuta fl-ammont ta' elfejn hames mija tnejn u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,562.24c) li minnhom parts huma elf hames mija u erbgha u hamsin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,554.24c) u elf u tmien mitt Ewro (€1008) huma labour u ma prezentatx id-danni attwali li soffriet.

Illi t-Tribunal ihoss illi f'dan il-kaz it-talba hija monka ghaliex l-attrici kellha bilfors taghmel azzjoni quddiem il-Qorti Civili ghall-riduzzjoni tal-prezz li kien tnejn u tletin elf Ewro (€32,000). Illi ghalhekk johrog il-barra mill-kompetenza tat-Tribunal.

Illi huwa pacifiku li l-*inkompetenza hija sollevabli ex* ufficcio (ara Artikolu 774 tal- Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ) *"meta ghar-raguni ta' materja tal-kawza ma tkunx kompetenza tat-Tribunal adit.*[1] *Dan ghar-raguni li l-inkompetenza rationae materai hi ta' ordni pubblika u din allura lanqas tista titwarrab bi ftehim bejn il-partjiet.*[2] Illi in vista ta' dan kollu ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi din il-kwistjoni ma' taqax fil-gurisdizzjoni tieghu.

**Decide:**

[1] Emmanuela Vella v Raffaele Barbara (App Civli – 31/5/1957 u Patrick Grixti Soler v Vincent Sultana (Appell Civili 27/3/1981)

[2] Ara Spiteri v Spiteri (QA 20/10/2003) u Carmelo Degiorgio v George Farrugia (QA 8/5/1981)

Ghalhekk taqta' u tiddecidi billi tichad it-talba.

Spejjez a karigu tal-attrici.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------